**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT (UE) 2019/631 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-17 ta' April 2019**

**li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011**

**(riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/22 tal-31 ta' Ottubru 2019 | L 8 | 2 | 14.1.2020 |
| ►M2 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1590 tad-19 ta' Awwissu 2020 | L 360 | 8 | 30.10.2020 |
| ►M3 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2173 tas-16 ta' Ottubru 2020 | L 433 | 1 | 22.12.2020 |

▼B

**REGOLAMENT (UE) 2019/631 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-17 ta' April 2019**

**li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011**

**(riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Suġġett u għanijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' rendiment tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda sabiex jingħata kontribut biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/842 u jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

2. Mill-1 ta' Jannar 2020, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira għall-flotta kollha tal-UE ta' 95 g $CO_2$/km għall-emissjonijiet medji ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u mira għall-flotta kollha tal-UE ta' 147 g $CO_2$/km għall-emissjonijiet medji ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni, kif imkejla sal-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 692/2008 flimkien mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153, u, mill-1 ta' Jannar 2021 imkejla skont ir-Regolament (UE) 2017/1151.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2024 dan ir-Regolament se jiġi komplementat minn miżuri addizzjonali li jikkorrispondu għal tnaqqis ta' 10 g $CO_2$/km bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni msemmi fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 2007 bit-titlu "Ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief".

4. Mill-1 ta' Jannar 2025 għandhom japplikaw il-miri li ġejjin għall-flotta kollha tal-UE:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 15 % tal-mira fl-2021, stabbilita skont il-punt 6.1.1 tal-Parti A tal-Anness I;

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 15 % tal-mira fl-2021, stabbilita skont il-punt 6.1.1 tal-Parti B tal-Anness I.

5. Mill-1 ta' Jannar 2030 għandhom japplikaw il-miri li ġejjin għall-flotta kollha tal-UE:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 37,5 % tal-mira fl-2021, stabbilita skont il-punt 6.1.2 tal-Parti A tal-Anness I;

▼B

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 31 % tal-mira fl-2021, stabbilita skont il-punt 6.1.2 tal-Parti B tal-Anness I.

6. Mill-1 ta' Jannar 2025, għandu japplika punt ta' riferiment għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi ekwivalenti ugwali għal sehem ta' 15 % tal-flotot rispettivi ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-punti 6.3 tal-Partijiet A u B tal-Anness I rispettivament.

7. Mill-1 ta' Jannar 2030, għandhom japplikaw, f'konformità mal-punti 6.3 tal-Partijiet A u B tal-Anness I, rispettivament, il-punti ta' riferiment għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi li ġejjin:

(a) punt ta' riferiment ugwali għal sehem ta' 35 % tal-flotta ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda, u

(b) punt ta' riferiment ugwali għal sehem ta' 30 % tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi bil-mutur li ġejjin:

(a) tal-kategorija $M_1$ kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE ("karozzi tal-passiġġieri") li jkunu reġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li qatt ma kienu reġistrati barra l-Unjoni ("karozzi ġodda tal-passiġġieri");

(b) tal-kategorija $N_1$ kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma teċċedix l-2 610 kg u vetturi tal-kategorija $N_1$ li għalihom l-approvazzjoni tat-tip hija estiża f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ("vetturi kummerċjali ħfief") li jiġu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma jkunux ġew irreġistrati qabel barra l-Unjoni ("vetturi kummerċjali ħfief ġodda"). Fil-każ ta' vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg jew l-2 840 kg, skont il-każ, dawn għandhom, mill-1 ta' Jannar 2025, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2007/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 715/2007, jingħaddu bħala vetturi kummerċjali ħfief li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk il-massa ta' referenza eċċessiva tkun dovuta biss għall-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija.

2. Reġistrazzjoni preċedenti barra l-Unjoni li tkun saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali kif definiti fil-punt 5 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

4. L-Artikolu 4, il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 7(4), l-Artikolu 8 u l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 9(1) ma għandhomx japplikaw għal manifattur li, flimkien mal-impriżi kollha assoċjati miegħu, huwa responsabbli għal inqas minn 1 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew għal inqas minn 1 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti, sakemm dak il-manifattur ma japplikax għal deroga, li sussegwentament tingħatalu, skont l-Artikolu 10.

▼B

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$" tfisser il-medja, fir-rigward ta' manifattur, tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha prodotti minn dak il-manifattur;

(b) "ċertifikat ta' konformità" tfisser iċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE;

(c) "vettura kompletata" tfisser vettura kummerċjali ħafifa li tkun ingħatatilha l-approvazzjoni tat-tip wara li dan il-proċess jitwettaq f'aktar minn fażi waħda skont id-Direttiva 2007/46/KE;

(d) "vettura kompluta" tfisser kwalunkwe vettura kummerċjali ħafifa li ma għandhiex bżonn tiġi kompletata biex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti tad-Direttiva 2007/46/KE;

(e) "vettura bażi" tfisser kwalunkwe vettura kummerċjali ħafifa użata fl-istadju inizjali ta' proċess ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji;

(f) "manifattur" tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE taħt id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;

(g) "massa fi stat operattiv" jew "M" tfisser il-massa tal-karozza tal-passiġġieri jew tal-vettura kummerċjali ħafifa bil-karrozzerija fi stat tajjeb ta' tħaddim kif iddikjarat fiċ-ċertifikat ta' konformità u kif definit fil-punt 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

(h) "emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$" tfisser l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn karozza tal-passiġġieri jew minn vettura kummerċjali ħafifa mkejla konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolamenti ta' implimentazzjoni tiegħu u speċifikati bħala l-massa ta' emissjonijiet (kombinati) ta' $CO_2$ fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura. Għal karozzi tal-passiġġieri jew għal vetturi kummerċjali ħfief li ma għandhomx approvazzjoni tat-tip konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007, "emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$" tfisser l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mkejla konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007, b'mod partikolari skont l-istess proċedura ta' kejl kif speċifikata fir-Regolament (KE) Nru 692/2008 sal-31 ta' Diċembru 2020, u mill-1 ta' Jannar 2021 fir-Regolament (UE) 2017/1151, jew konformement mal-proċeduri adottati mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal tali vetturi;

(i) "footprint" tfisser il-wisa' medja bejn rota u oħra mmultiplikata bid-distanza bejn il-fusijiet ta' quddiem u ta' wara, skont iċ-ċertifikat ta' konformità u kif definit fil-punti 2.1 u 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

(j) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-mira annwali stabbilita skont l-Anness I jew, jekk il-manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi stabbilita skont dik id-deroga;

▼B

(k) “mira għall-flotta kollha tal-UE” tfisser l-emissjonijiet medji ta' $CO_2$ għall-karozzi l-ġodda kollha tal-passiġġieri jew għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha li jridu jintlaħqu f'perjodu partikolari;

(l) “massa tat-test” jew “TM” tfisser il-massa tat-test ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa kif stabbilit fiċ-ċertifikat tal-konformità u kif definit fil-punt 3.2.25 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151;

(m) “vettura b'emissjonijiet ta' livell żero jew baxxi” tfisser karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa b'emissjonijiet mill-pajp tal-egżost minn żero sa 50 g $CO_2$/km, kif stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2017/1151;

(n) “piż tat-tagħbija” tfisser id-differenza bejn il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli f'konformità mal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE u l-massa tal-vettura.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “grupp ta' manifatturi konnessi” tfisser manifattur u l-impriżi konnessi tiegħu. Fir-rigward ta' manifattur, “grupp ta' manifatturi konnessi” tfisser:

(a) impriżi li fihom il-manifattur ikollu, direttament jew indirettament:

(i) is-setgħa li jeżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew

(ii) is-setgħa li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord tat-tmexxija jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew

(iii) id-dritt li jamministra l-affarijiet tal-impriża;

(b) impriżi li, direttament jew indirettament, ikollhom id-drittijiet jew is-setgħat imsemmija fil-punt (a) fuq il-manifattur;

(c) impriżi li fihom impriża msemmija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew is-setgħat imsemmija fil-punt (a);

(d) impriżi li fihom il-manifattur flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, konġuntament ikollhom id-drittijiet jew setgħat imsemmija fil-punt (a);

(e) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat imsemmija fil-punt (a) huma miżmumin flimkien mill-manifattur jew minn waħda jew aktar mill-impriżi relatati miegħu msemmija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.

*Artikolu 4*

**Miri tal-emissjonijiet speċifiċi**

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tiegħu ma jaqbżux il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) għas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi stabbilita skont il-punti 1 u 2 tal-Parti A tal-Anness I fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri, jew il-punti 1 u 2 tal-Parti B tal-Anness I fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief, inkella fil-każ li manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, f'konformità ma' dik id-deroga;

▼B

(b) għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu stabbiliti konformement mal-punti 3 u 4 tal-Parti A jew B tal- Anness I kif xieraq jew, meta manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, konformement ma' dik id-deroga u l-punt 5 tal-Parti A jew B tal-Anness I;

(c) għal kull sena kalendarja, mill-2025 'il quddiem, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi stabbiliti skont il-punt 6.3 tal-Parti A jew B tal-Anness I, jew, fejn manifattur jingħata deroga taħt l-Artikolu 10, konformement ma' dik id-deroga.

2. Fil-każ ta' vetturi kummerċjali ħfief, meta l-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ tal-vettura kompletata ma jkunux disponibbli, il-manifattur tal-vettura bażi għandu juża l-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ tal-vettura bażi biex jistabbilixxi l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħha ta' $CO_2$.

3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' kull manifattur, għandu jittieħed kont tal-perċentwali, li ġejjin, għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri, ta' kull manifattur, li jiġu reġistrati fis-sena rilevanti:

— 95 % fl-2020,

— 100 % mill-2021 'il quddiem.

*Artikolu 5*

**Super krediti**

Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$, kull vettura ġdida tal-passiġġieri b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ inqas minn 50 g $CO_2$/km għandha titqies bħala:

— 2 karozzi tal-passiġġieri fl-2020,

— 1,67 karozzi tal-passiġġieri fl-2021,

— 1,33 karozzi tal-passiġġieri fl-2022,

— karozza waħda tal-passiġġieri mill-2023,

għas-sena li fiha tiġi rreġistrata fil-perjodu mill-2020 sal-2022, soġġett għal limitu massimu ta' 7,5 g $CO_2$/km matul dak il-perjodu għal kull manifattur, kif ikkalkulat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153.

*Artikolu 6*

**Konsorzji**

1. Il-manifatturi, minbarra l-manifatturi li jkunu ngħataw deroga taħt l-Artikolu 10, jistgħu jiffurmaw konsorzju bil-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4.

2. Il-ftehim dwar l-iffurmar ta' konsorzju jista' jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar bil-kundizzjoni li l-perjodu kumplessiv ta' kull ftehim ma jaqbiżx il-ħames snin kalendarji u għandu jibda fi jew qabel il-31 ta' Diċembru fl-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu se jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw konsorzju għandhom jirreġistraw mal-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

▼B

(a) il-manifatturi li se jiġu inklużi fil-konsorzju;

(b) il-manifattur nominat bħala l-amministratur tal-konsorzju li se jkun il-punt ta' kuntatt għall-konsorzju u se jkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq il-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 8;

(c) evidenza li l-amministratur tal-konsorzju se jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi msemmijin fil-punt (b);

(d) il-kategorija ta' vetturi rreġistrati bħala $M_1$ jew $N_1$ u li għalihom għandu japplika l-konsorzju.

3. Jekk l-amministratur propost tal-konsorzju jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq il-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.

4. Il-manifatturi inklużi f'konsorzju għandhom jinfurmaw flimkien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li ssir tal-amministratur tal-konsorzju jew tal-istatus finanzjarju tagħha, sal-punt li dan jaffettwa l-kapaċità tagħha li tissodisfa r-rekwiżit li tħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq il-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 8 u bi kwalunkwe bidliet fis-sħubija tal-konsorzju jew ix-xoljiment tal-konsorzju.

5. Il-manifatturi jistgħu jidħlu f'arranġamenti ta' konsorzju bil-kundizzjoni li l-ftehimiet jikkonformaw mal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u jippermettu l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru tal-konsorzju. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ġenerali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal konsorzji bħal dawn, il-membri kollha ta' konsorzju għandhom jiżguraw b'mod partikolari li ma jsir l-ebda skambju ta' data u lanqas ta' informazzjoni fil-kuntest tal-arranġament tal-konsorzju tagħhom, għajr fir-rigward tal-informazzjoni li ġejja:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$;

(b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi;

(c) l-għadd totali ta' vetturi rreġistrati.

6. Il-paragrafu 5 ma għandux japplika jekk il-manifatturi kollha inklużi fil-konsorzju ikunu parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.

7. Ħlief fejn tingħata notifika taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-manifatturi f'konsorzju li fir-rigward tiegħu tiġi reġistrata l-informazzjoni mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħala manifattur wieħed għall-finijiet tat-twettiq minnhom tal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4. L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ fir-rigward ta' manifatturi individwali kif ukoll ta' kwalunkwe konsorzju ser tiġi rreġistrata, irrappurtata u mqiegħda għad-dispożizzjoni fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 7(4).

▼B

8. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kundizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għal arranġamenti ta' konsorzji stabbiliti skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

*Artikolu 7*

**Monitoraġġ u rappurtar tal-emissjonijiet medji**

1. Għal kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jirreġistra informazzjoni għal kull karozza tal-passiġġieri ġdida u kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tiegħu skont il-Parti A tal-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament. Dik l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-manifatturi u l-importaturi jew ir-rappreżentanti nominati tagħhom f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-korpi tar-rappurtaġġ jaħdmu b'mod trasparenti. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-karozzi tal-passiġġieri li ma jkollhomx l-approvazzjoni tat-tip konformement mar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitkejlu u jiġu reġistrati fiċ-ċertifikat ta' konformità.

2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jiddetermina u jittrażmetti lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Parti A tal-Annessi II u III fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-data għandha tintbagħat skont il-format speċifikat fil-Parti B tal-Anness II u l-Parti C tal-Anness III.

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jibagħtu s-sett sħiħ ta' data miġbura skont il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-data rrapurtata mill-Istati Membri taħt dan l-Artikolu u, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi proviżorja:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;

(b) il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti;

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira tiegħu ta' emissjonijiet speċifiċi għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika kull manifattur bil-kalkolu proviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi data għal kull Stat Membru dwar l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda reġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tagħhom.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament.

5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu proviżorju taħt il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe żbalji fid-data, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih huma jqisu li jkun seħħ l-iżball.

▼B

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifika mill-manifatturi u għandha, sal-31 ta' Ottubru, tikkonferma jew temenda l-kalkoli proviżorji taħt il-paragrafu 4.

6. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data ta' monitoraġġ skont dan ir-Regolament u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità kompetenti nominata.

L-awtoritajiet kompetenti nnominati għandhom jiżguraw il-korrettezza u l-kompletezza tad-data trażmessa lill-Kummissjoni, u għandhom jipprovdu punt ta' kuntatt li għandu jkun disponibbli biex iwieġeb malajr għat-talbiet mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati żbalji u ommissjonijiet fid-'datasets' trażmessi.

7. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data fil-paragrafi minn 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu, u dwar l-applikazzjoni tal-Annessi II u III. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 sabiex temenda r-rekwiżiti tad-data u l-parametri tad-data stabbiliti fl-Annessi II u III.

9. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jirrappurtaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni devjazzjonijiet misjuba fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' vetturi fis-servizz meta mqabbla mal-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ indikati fiċ-ċertifikati tal-konformità b'riżultat ta' verifiki mwettqa skont l-Artikolu 13.

Il-Kummissjoni għandha tqis dawk id-devjazzjonijiet biex tikkalkula l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur.

Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għar-rappurtar ta' devjazzjonijiet bħal dawn u biex dawn jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

10. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-2030, tevalwa l-possibbiltà li tiżviluppa metodoloġija komuni tal-Unjoni għall-valutazzjoni u r-rappurtar konsistenti ta' data dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief introdotti fis-suq tal-Unjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposti għal miżuri ta' segwitu, bħal proposti leġiżlattivi, jekk ikun xieraq.

11. L-Istati Membri għandhom ukoll jiġbru u jirrappurtaw data, skont dan l-Artikolu, dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi fil-kategoriji $M_2$ u $N_2$ kif imfisser fl-Anness II tad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg u vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

▼B

*Artikolu 8*

**Primjum għal emissjonijiet eċċessivi**

1. Fir-rigward ta' kull sena kalendarja, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq manifattur jew amministratur ta' konsorzju, skont il-każ, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jeċċedu l-mira għall-emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

2. Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

(Emissjonijiet eċċessivi × EUR 95) × l-għadd ta' vetturi b'reġistrazzjoni ġdida.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "emissjonijiet eċċessivi" tfisser il-valur pożittiv tan-numru ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tal-manifattur – b'kunsiderazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minħabba teknoloġiji innovattivi approvati skont l-Artikolu 11 – ikunu qabżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja jew f'parti minnha li għaliha japplika l-obbligu skont l-Artikolu 4, aġġustat għall-eqreb tliet punti deċimali, u

— "l-għadd ta' vetturi b'reġistrazzjoni ġdida" tfisser l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief ġodda magħduda b'mod separat li huma prodotti mill-manifattur u li ġew irreġistrati f'dak il-perjodu skont il-kriterji tad-dħul gradwali stipulati fl-Artikolu 4(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-modi għall-ġbir ta' primjums għall-emissjonijiet eċċessivi imposti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

4. L-ammonti tal-primjum għal emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

*Artikolu 9*

**Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi**

1. Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lista li tindika:

(a) għal kull manifattur, il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi għas-sena kalendarja preċedenti;

(b) għal kull manifattur, l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fis-sena kalendarja preċedenti;

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tal-manifattur fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu għal dik is-sena;

(d) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ għall-vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti;

▼B

(e) il-massa medja fi stat operattiv għall-vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Diċembru 2020;

(f) il-massa tat-test medja għall-vetturi tal-passiġġieri ġodda kollha u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti.

2. Il-lista ppubblikata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

3. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, għall-pubblikazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2022, tindika wkoll dan li ġej:

(a) il-miri għall-2025 u għall-2030 għall-flotta kollha tal-UE msemmija fl-Artikolu 1(4) u (5), rispettivament, ikkalkulati mill-Kummissjoni f'konformità mal-punti 6.1.1 u 6.1.2 tal-Partijiet A u B tal-Anness I;

(b) il-valuri għal $a_{2021}$, $a_{2025}$ u $a_{2030}$ ikkalkulati mill-Kummissjoni f'konformità mal-punt 6.2 tal-Partijiet A u B tal-Anness I.

*Artikolu 10*

**Derogi għal ċerti manifatturi**

1. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira għall-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata f'konformità mal-Anness I minn manifattur ta' inqas minn 10 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni għal kull sena kalendarja jekk dak il-manifattur:

(a) ma jkunx parti minn grupp ta' manifatturi konnessi; jew

(b) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati li b'kollox huwa responsabbli għal inqas minn 10 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni kull sena kalendarja; jew

(c) ikun parti minn grupp konness ma' manifattur ieħor iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru tad-disinn tiegħu stess.

2. Deroga li ssir applikazzjoni għaliha taħt il-paragrafu 1 tista' tingħata għal perjodu massimu ta' ħames snin kalendarji, li jista' jiġġedded. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-persuna ta' kuntatt għall-manifattur;

(b) provi li l-manifattur ikun eliġibbli għal deroga konformement mal-paragrafu 1;

(c) dettalji tal-karozzi tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief li huwa jimmanifattura inklużi l-massa tat-test u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' dawk il-karozzi tal-passiġġieri jew il-vetturi kummerċjali ħfief; u

▼B

(d) mira tal-emissjonijiet speċifiċi konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku u ekonomiku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ u b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa manifatturata.

3. Jekk il-Kummissjoni tqis li manifattur ikun eliġibbli għal deroga li għaliha saret applikazzjoni taħt il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tiegħu u b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa manifatturata, il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur.

L-applikazzjoni għandha titressaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tal-ewwel sena li fiha għandha tapplika d-deroga.

4. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira tal-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata skont il-punti minn 1 sa 4 u 6.3 tal-Parti A tal-Anness I minn manifattur li jkun responsabbli flimkien mal-impriżi kollha assoċjati tiegħu għal bejn 10 000 u 300 000 karozza tal-passiġġieri reġistrati kull sena kalendarja fl-Unjoni.

Applikazzjoni bħal din tista' ssir minn manifattur għalih innifsu jew għalih flimkien ma' kwalunkwe impriża assoċjata miegħu. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:

(a) l-informazzjoni kollha msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 2, inkluża, jekk ikun il-każ, informazzjoni dwar kwalunkwe impriża konnessa;

(b) fir-rigward tal-applikazzjonijiet li jirreferu għall-punti minn 1 sa 4 tal-Parti A tal-Anness I, mira li tkun tnaqqis ta' 45 % fl-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ fl-2007 jew, fejn issir applikazzjoni unika fir-rigward ta' għadd ta' impriżi konnessi, tnaqqis ta' 45 % fuq il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' dawk l-impriżi fl-2007;

(c) fir-rigward tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-punt 6.3 tal-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, mira applikabbli fis-snin kalendarji 2025-2028 li tkun it-tnaqqis speċifikat fil-punt (a) tal-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament fuq il-mira kkalkulata skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mkejla skont ir-Regolament (UE) 2017/1151.

Fejn ma teżistix informazzjoni dwar l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur fl-2007, il-Kummissjoni għandha tiddetermina mira ta' tnaqqis ekwivalenti bbażata fuq l-aħjar teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ disponibbli li jintużaw f'karozzi tal-passiġġieri ta' massa komparabbli u b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' karozza manifatturata. Dik il-mira għandha tintuża mill-applikant għall-finijiet tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu.

▼B

Il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur jekk dan juri li l-kriterji għall-għoti ta' deroga msemmija f'dan il-paragrafu jkunu ġew issodisfati.

5. Manifattur li jkun suġġett għal deroga skont dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament dwar kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.

6. Jekk, abbażi ta' notifika skont il-paragrafu 5 jew mod ieħor, il-Kummissjoni tqis li manifattur ma jkunx għadu eliġibbli għad-deroga, għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika b'dan lill-manifattur.

7. Jekk il-manifattur ma jilħaqx il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni għandha timponi l-primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, kif stipulat fl-Artikolu 8.

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 biex tistabbilixxi regoli li jissupplimentaw il-paragrafi minn 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal derogi, tal-kontenut tal-applikazzjonijiet, u tal-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$.

Il-Kummissjoni hija mogħtija wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 biex temenda l-Parti A tal-Anness I għall-fini tal-istabbiliment tal-formuli tal-kalkolu tal-miri tad-deroga msemmija fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

9. L-applikazzjonijiet għal deroga, inkluża l-informazzjoni li tappoġġaha, in-notifiki taħt il-paragrafu 5, ir-revoki taħt il-paragrafu 6, kwalunkwe impożizzjoni ta' primjum għal emissjonijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 7 u l-miżuri adottati konformement mal-paragrafu 8, għandhom ikunu disponibbli pubblikament, suġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

*Artikolu 11*

**Ekoinnovazzjoni**

1. Fuq applikazzjoni ta' fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar ta' $CO_2$ miksub bl-użu ta' teknoloġiji innovattivi jew taħlita ta' teknoloġiji innovattivi ("pakketti ta' teknoloġiji innovattivi").

Tali teknoloġiji għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk il-metodoloġija użata biex tivvalutahom tkun kapaċi tipproduċi riżultati verifikabbli, ripetibbli u komparabbli.

Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ ta' manifattur jista' jkun sa 7 g $CO_2$/km.

---

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

▼B

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda dan ir-Regolament billi taġġusta l-limitu msemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'effett mill-2025 'il quddiem biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġi żgurat proporzjon bilanċjat tal-livell ta' dak il-limitu b'rabta mal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-$CO_2$ tal-manifatturi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura biex jiġu approvati t-teknoloġiji innovattivi jew il-pakketti ta' teknoloġiji innovattivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). Dawn id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin għal teknoloġiji innovattivi:

(a) il-fornitur jew il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-iffrankar ta' $CO_2$ miksub bl-użu ta' teknoloġiji innovattivi;

(b) it-teknoloġiji innovattivi għandhom jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis ta' $CO_2$;

(c) it-teknoloġiji innovattivi ma għandhomx ikunu koperti miċ-ċiklu standard ta' testijiet għall-kejl ta' $CO_2$;

(d) it-teknoloġiji innovattivi ma għandhomx:

(i) ikunu koperti minn dispożizzjonijiet obbligatorji minħabba miżuri addizzjonali kumplimentari li jikkonformaw mat-tnaqqis ta' 10 g $CO_2$/km imsemmija fl-Artikolu 1(3) jew

(ii) ikunu obbligatorji taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kriterju msemmi fil-punt (d)(i) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata.

3. Fornitur jew manifattur li japplika għall-approvazzjoni ta' xi miżura bħala teknoloġija innovattiva jew pakkett ta' teknoloġiji innovattivi għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni, li jinkludi rapport ta' verifika mwettaq minn entità indipendenti u ċertifikata. Jekk ikun hemm possibbiltà li l-miżura tinteraġixxi ma' teknoloġija innovattiva oħra jew ma' pakkett ta' teknoloġiji innovattivi diġà approvat, ir-rapport għandu jsemmi dik l-interazzjoni u r-rapport ta' verifika għandu jivvaluta sa liema punt dik l-interazzjoni tbiddel it-tnaqqis miksub minn kull miżura.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma t-tnaqqis miksub abbażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 12*

**Emissjonijiet ta' $CO_2$ u konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali ta' użu**

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tivvaluta kemm il-valuri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 huma realment rappreżentattivi.

▼B

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġbor data dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija tal-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief f'kundizzjonijiet reali ta' użu permezz ta' tagħmir ta' monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew l-enerġija abbord, billi tibda bil-karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda reġistrati fl-2021.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat dwar kif dawk dik ir-rappreżentattività f'kundizzjonijiet reali ta' użu tevolvi maż-żmien.

2. Għall-iskop imsemmi fil-paragrafu 1, sa mill-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-parametri li ġejjin relatati mal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali ta' użu ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha f'intervalli regolari, mill-manifatturi, l-awtoritajiet nazzjonali jew permezz tat-trasferiment dirett ta' data mill-vetturi, skont il-każ:

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(b) il-fjuwil u/jew l-enerġija elettrika kkunsmati;

(c) id-distanza totali magħmula;

(d) għal vetturi elettriċi ibridi karikabbli esternament, il-fjuwil u l-enerġija elettrika kkunsmati u d-distanza magħmula, distribwiti fuq modalitajiet ta' sewqan differenti;

(e) parametri oħra meħtieġa biex jiġi żgurat li l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu ssodisfati.

Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data li tirċievi taħt l-ewwel subparagrafu biex toħloq settijiet ta' data anonimizzati u aggregati, inkluż skont il-manifattur, għall-finijiet tal-paragrafu 1. In-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi għandhom jintużaw biss għall-finijiet tal-ipproċessar ta' dik id-data u m'għandhomx jinżammu aktar milli jkun hemm bżonn għal dak l-għan.

3. Sabiex jiġi evitat li d-diskrepanza fl-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali ta' użu tkompli tiżdied, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2023, tivvaluta kif id-data dwar il-konsum tal-fjuwil u l-enerġija tista' tintuża biex jiġi żgurat li l-valuri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u tal-fjuwil jew tal-konsum ta' enerġija stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jibqgħu rappreżentattivi ta' emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali ta' użu fuq tul ta' żmien għal kull manifattur.

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrapporta dwar kif id-diskrepanza msemmija fl-ewwel subparagrafu tevolvi tul il-perjodu bejn l-2021 u l-2026 u, bil-ħsieb li tevita li dik id-diskrepanza tiżdied, fl-2027 għandha tivvaluta l-fattibbiltà ta' mekkaniżmu li jaġġusta l-emissjonijiet ta' $CO_2$ speċifiċi medji tal-manifattur mill-2030 'il quddiem u, jekk ikun il-każ, tressaq proposta leġiżlattiva biex timplimenta dan il-mekkaniżmu.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-proċedura dettaljata għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

▼B

*Artikolu 13*

**Verifika tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' vetturi fis-servizz**

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-valuri ta' emissjoni ta' $CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità jikkorrispondu għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil tal-vetturi fis-servizz kif stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2017/1151.

2. Wara d-dħul fis-seħħ tal-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jivverifikaw, abbażi ta' kampjuni ta' vetturi xierqa u rappreżentattivi, li l-valuri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità tal-familji ta' vetturi li għalihom huma responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip jikkorrispondu għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn, u l-konsum tal-fjuwil ta', il-vetturi fis-servizz kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2017/1151 filwaqt li jikkunsidraw, fost l-oħrajn, kwalunkwe data disponibbli minn tagħmir ta' monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew l-enerġija abbord.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jivverifikaw ukoll il-preżenza ta' kwalunkwe strateġija abbord jew b'rabta mal-vetturi fil-kampjun li ttejjeb artifiċjalment ir-rendiment tal-vettura fit-testijiet imwettqa għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip billi, fost l-oħrajn, jużaw data mit-tagħmir tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord.

3. Fejn, b'riżultat tal-verifiki mwettqa skont il-paragrafu 2, jinstab nuqqas ta' korrispondenza ta' valuri ta' emissjoni ta' $CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil jew tinstab xi strateġija li ttejjeb b'mod artifiċjali r-rendiment ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli għandha, minbarra li tieħu l-miżuri meħtieġa stabbiliti fil-Kapitolu XI tar-Regolament (UE) 2018/858, tiżgura l-korrezzjoni taċ-ċertifikati ta' konformità.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-proċeduri għat-twettiq tal-verifiki msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa, qabel l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li tadotta att delegat skont l-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-kriterji għad-definizzjoni tal-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

*Artikolu 14*

**Aġġustamenti tal-valuri $M_0$ u $TM_0$**

1. Il-valuri $M_0$ u $TM_0$ imsemmija fil-Partijiet A u B tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

(a) sal-31 ta' Ottubru 2020, il-valur $M_0$ fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I għandu jiġi aġġustat għall-massa medja fi stat operattiv tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri kollha reġistrati fl-2017, l-2018 u l-2019. Dak il-valur il-ġdid ta' $M_0$ għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024;

▼B

(b) sal-31 ta' Ottubru 2022, il-valur $M_0$ fil-punt 4 tal-Parti B tal-Anness I għandu jiġi aġġustat għall-massa medja fi stat operattiv ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha reġistrati fl-2019, l-2020 u l-2021. Dak il-valur il-ġdid ta' $M_0$ għandu japplika fl-2024;

(c) sal-31 ta' Ottubru 2022, il-valur $TM_0$ indikattiv għall-2025 għandu jiġi stabbilit bħala l-massa medja tat-test rispettiva tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda kollha u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha reġistrati fl-2021;

(d) sal-31 ta' Ottubru 2024 u kull sentejn wara dan, il-valur $TM_0$ fil-punt 6.2 tal-Partijiet A u B tal-Anness I għandu jiġi aġġustat għall-massa medja tat-test rispettiva tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri kollha u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha reġistrati fis-sentejn kalendarji preċedenti, mill-2022 u l-2023 'il quddiem. Il-valuri l-ġodda ta' $TM_0$ għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara d-data tal-aġġustament.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 15*

**Rieżami u rappurtar**

1. Fl-2023, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami dettaljat tal-effikaċja ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultat tar-rieżami.

2. Fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, kemm il-valuri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-vetturi u l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija mill-vetturi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 huma fil-fatt rappreżentattivi tal-użu reali; l-introduzzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief; l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-forniment tal-fjuwil irrappurtata mid-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), inkluż il-finanzjament tagħha; il-kontribut li l-użu ta' fjuwils alternattivi sintetiċi u avvanzati prodotti b'enerġija rinnovabbli jista' jkollu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet; it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ osservat effettivament fil-livell tal-flotta eżistenti; il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi; l-effetti potenzjali tal-miżura tranżizzjonali stabbilita fil-punt 6.3 tal-Parti A tal-Anness I; l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-konsumaturi, partikolarment fuq dawk b'introjtu baxx u medju; kif ukoll aspetti li jiffaċilitaw tranżizzjoni ekonomikament vijabbli u soċjalment ġusta lejn mobilità nadifa, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha, f'dak ir-rapport, tidentifika wkoll perkors ċar għal tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief lil hinn mill-2030 sabiex jingħata kontribut sinifikanti biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

([1]) Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1)

▼B

3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà ta' reviżjoni tal-miri għall-flotta kollha tal-UE għall-2030 fid-dawl tal-elementi elenkati fil-paragrafu 2, u l-introduzzjoni ta' miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet vinkolanti mill-2035 u l-2040 'il quddiem għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi ħfief biex tiġi żgurata t-trasformazzjoni f'waqtha tas-settur tat-trasport lejn emissjonijiet żero netti bi qbil mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

4. Bħala parti mir-rieżami msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li jiġu żviluppati proċeduri ta' ttestjar tal-emissjonijiet fl-użu reali permezz ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet (PEMS). Il-Kummissjoni għandha tqis dik il-valutazzjoni kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u tista', fejn xieraq, tirrevedi l-proċeduri għall-kejl tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ hekk kif stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tagħmel proposti xierqa biex tadatta l-proċeduri biex jirriflettu b'mod adegwat l-emissjonijiet ta' $CO_2$ f'kundizzjonijiet reali ta' użu tal-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief.

5. Bħala parti mir-rieżami msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-possibbiltà li tassenja d-dħul mill-primjums tal-emissjonijiet żejda għal fond speċifiku jew programm rilevanti, bil-għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali fir-rigward tal-klima kif imsemmi fl-Artikolu 4.1 tal-Ftehim ta' Pariġi, partikolarment biex jiġu appoġġati t-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u taħriġ ieħor fir-rigward tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema fis-settur awtomobilistiku fl-Istati Membri kollha affettwati, b'mod partikolari fl-aktar reġjuni u komunitajiet affettwati mit-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva f'dak is-sens sa mhux aktar tard mill-2027.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tad-Direttiva 1999/94/KE li fih tikkunsidra l-ħtieġa li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni preċiża, robusta u komparabbli dwar il-konsum tal-fjuwil, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa minn karozzi ġodda tal-passiġġieri introdotti fis-suq, kif ukoll tevalwa l-possibbiltajiet għall-introduzzjoni ta' tikketta tal-ekonomija fil-fjuwil u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Ir-rieżami għandu, fejn xieraq, jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa sabiex tkun riflessa kwalunkwe bidla fil-proċedura ta' ttestjar regolatorja għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ imsemmija fir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 692/2008 u, jekk ikun applikabbli, fir-Regolament (UE) 2017/1151. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) ta' dan ir-Regolament.

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex temenda dan ir-Regolament billi tadatta l-formuli li jinsabu fl-Anness I, billi tuża l-metodoloġija adottata skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' restrizzjoni komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilità differenti jkunu meħtieġa taħt il-proċeduri ta' ttestjar il-qodma u l-ġodda.

▼B

*Artikolu 16*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 17*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall- kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin mill-15 ta' Mejju 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

---

[1] Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

▼B

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 18*

**Tħassir**

Ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

PARTI A

MIRI TAL-EMISSJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-KAROZZI TAL-PASSIĠĠIERI

1. Għas-sena kalendarja 2020, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ għal kull karozza tal-passiġġieri ġdida għandhom, għall-finijiet tal-kalkoli f'dan il-punt u fil-punt 2, jiġu stabbiliti skont il-formula li ġejja:

L-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ = 95 + a · (M – $M_0$)

fejn:

M = il-massa tal-vettura fi stat operattiv f'kilogrammi (kg)

$M_0$ = 1 379,88

a = 0,0333

2. Il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal manifattur fl-2020 għandha tiġi kkalkulata bħala medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ iddeterminata skont il-punt 1, ta' kull karozza ġdida tal-passiġġieri reġistrata f'dik is-sena kalendarja u li tagħha jkun il-manifattur.

3. Il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur fl-2021 għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\text{Mira ta}' \text{ referenza tal} - \text{emissjonijiet speċifiċi tad} - \text{WLTP} = \text{WLTP}_{\text{CO2}} \cdot \left( \frac{NEDC_{2020target}}{NEDC_{CO_2}} \right)$$

fejn:

| | |
|---|---|
| $WLTP_{CO2}$ | hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ fl-2020 stabbilita skont l-Anness XXI tar-Regolament 2017/1151, u kkalkolata skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma jitqies l-iffrankar ta' $CO_2$ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 11 ta' dan ir-Regolament; |
| $NEDC_{CO2}$ | hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ fl-2020 stabbilita skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153, u kkalkolata skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma jitqies l-iffrankar ta' $CO_2$ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 11 ta' dan ir-Regolament; |
| $NEDC_{2020target}$ | hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2020 skont il-punti 1 u 2. |

▼M3

3a. Għal manifattur li għalih id-$WLTP_{CO2}$ jew l-$NEDC_{CO2}$ huwa żero, il-mira ta’ referenza għall-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun $NEDC_{2020target}$ kif definita fil-punt 3.

3b. Għal manifattur li jqiegħed karozzi tal-passiġġieri fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji 2021 sal-2024, il-mira ta’ referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun il-medja tal-miri ta’ referenza tal-emissjonijiet speċifiċi determinati għall-manifatturi kollha skont il-punt 3, ponderati skont l-għadd ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri li ġew irreġistrati għal dawk il-manifatturi fl-Unjoni fl-2020.

▼M3

3c. Minkejja l-punt 3b, fejn fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji mill-2021 sal-2024, manifattur iqiegħed karozzi tal-passiġġieri fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba, iżda dak il-manifattur kien iffurmat b'fużjoni ta' żewġ manifatturi jew aktar li mill-inqas wieħed minnhom kien responsabbli għal karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għall-manifattur il-ġdid għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) fejn żewġ manifatturi jew aktar li jkunu qed jiġu fużi kienu responsabbli għal karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun il-medja tal-miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi determinati għal dawk il-manifatturi skont il-punt 3, ponderati skont l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li ġew irreġistrati għal dawk il-manifatturi fl-Unjoni fl-2020;

(b) fejn wieħed biss mill-manifatturi li jkunu qed jiġu fużi kien responsabbli għal karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza speċifika għall-emissjonijiet fl-2021 determinata skont il-punt 3 għal dak il-manifattur.

▼B

4. Għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur għandha tkun ikkalkulata kif ġej:

Mira tal-emissjonijiet speċifiċi = $WLTP_{reference\ target} + a\ [(M_{ø} - M_0) - (M_{ø2020} - M_{0,2020})]$

fejn:

| | |
|---|---|
| $WLTP_{reference\ target}$ | hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tad-WLTP għall-2021 ikkalkulata skont il-punt 3; |
| a | hija 0,0333; |
| $M_{ø}$ | hija l-medja tal-massa fi stat operattiv (M), f'kilogrammi (kg), għall-karozzi tal-passiġġieri tal-manifattur irreġistrati ġodda fis-sena rilevanti fil-mira; |
| $M_0$ | hija 1 379,88 fl-2021, u kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1) għas-snin 2022, 2023 u 2024; |
| $M_{ø2020}$ | hija l-medja tal-massa fi stat operattiv (M), f'kilogrammi (kg), għall-karozzi tal-passiġġieri tal-manifattur irreġistrati ġodda fl-2020; |
| $M_{0,2020}$ | hija 1 379,88. |

▼M3

5. Miri tad-deroga f'konformità mal-Artikolu 10(3) jew 10(4)

(a) Għal manifattur li jkun ingħata deroga skont l-Artikolu 10(3) mill-mira tiegħu tal-emissjonijiet speċifiċi abbażi tal-NEDC fis-sena kalendarja 2021, jew deroga skont l-Artikolu 10(4) mill-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji 2021 sal-2024, il-mira tad-deroga bbażata fuq id-WLTP għal dawk is-snin għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\text{Il-mira tad-deroga} = WLTP_{CO2} \cdot \left(\frac{NEDC_{derogationtarget}}{NEDC_{CO2}}\right)$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| $WLTP_{CO2}$ | hija $WLTP_{CO2}$ kif definita fil-punt 3;as defined in point 3; |

▼M3

| | |
|---|---|
| $NEDC_{CO2}$ | hija $NEDC_{CO2}$ kif definita fil-punt 3; |
| $NEDC_{derogationtarget}$ | hija l-mira tad-deroga mogħtija mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(3) jew 10(4) skont il-każ. |

(b) Minkejja l-punt (a), fejn manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10(4) mill-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji 2021 sal-2024, iżda ma kienx responsabbli għar-reġistrazzjoni ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri fl-Unjoni qabel l-2021, il-mira tad-deroga għal kwalunkwe waħda minn dawk is-snin kalendarji għandha tiġi kkalkulata skont il-formula fil-punt (a), fejn għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| $WLTP_{CO2}$ | hija l-valur medju għall-manifatturi individwali kollha, ponderat bl-għadd ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2020, tad-$WLTP_{CO2}$ kif definita fil-punt 3; |
| $NEDC_{CO2}$ | hija l-valur medju għall-manifatturi individwali kollha, ponderat bl-għadd ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2020, tal-$NEDC_{CO2}$ kif definita fil-punt 3; |
| $NEDC_{derogationtarget}$ | hija l-mira tad-deroga kkalkulata skont l-Artikolu 10(4), flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) Nru 63/2011. |

▼B

6. Mill-1 ta' Jannar 2025, il-miri għall-flotta kollha tal-UE u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għal manifattur għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

6.0. Mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2021

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2021 (EU fleet-wide $target_{2021}$) hija l-medja, peżata skont l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2021, bil-valuri ta' referenza għall-2021 stabbiliti għal kull manifattur individwali li għalihom tapplika mira ta' emissjonijiet speċifiċi skont il-punt 4.

Il-valur ta' referenza għall-2021 għandu jiġi stabbilit, għal kull manifattur, kif ġej:

$$reference - value_{2021} = WLTP_{CO2,measured} \cdot \left(\frac{NEDC_{2020,Fleet\ Target}}{NEDC_{CO2}}\right) + a(M_{ø2021} - M_{0,2021})$$

fejn,

| | |
|---|---|
| $WLTP_{CO2,measured}$ | hija l-medja, għal kull manifattur, tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ kkombinati mkejla għal kull karozza tal-passiġġieri ġdida rreġistrata fl-2020, kif stabbilit u rrappurtat skont l-Artikolu 7(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153; |
| $NEDC_{2020,Fleet\ Target}$ | hija 95 g/km; |
| $NEDC_{CO2}$ | hija kif definita fil-punt 3; |
| $M_{ø2021}$ | hija l-medja tal-massa fi stat operattiv, f'kilogrammi (kg), għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri tal-manifattur irreġistrati fl-2021; |
| $M_{0,2021}$ | hija l-massa medja fi stat operattiv f'kilogrammi (kg) tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri rreġistrati fl-2021 ta' dawk il-manifatturi li għalihom tapplika mira speċifika ta' emissjonijiet skont il-punt 4; |
| a | hija kif definita fil-punt 4. |

▼B

6.1. Miri għall-flotta kollha tal-UE għall-2025 u l-2030

6.1.1. Mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2025 sal-2029

$\text{EU fleet-wide target}_{2025} = \text{EU fleet-wide target}_{2021} \cdot (1 - \text{reduction factor}_{2025})$

fejn,

| | |
|---|---|
| EU fleet-wide $\text{target}_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.0; |
| reduction $\text{factor}_{2025}$ | huwa t-tnaqqis speċifikat fil-punt (a) tal-Artikolu 1(4). |

6.1.2. Mira għall-flotta kollha tal-UE mill-2030 'il quddiem

$\text{EU fleet-wide target}_{2030} = \text{EU fleet-wide target}_{2021} \cdot (1 - \text{reduction factor}_{2030})$

fejn,

| | |
|---|---|
| EU fleet-wide $\text{target}_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.0; |
| reduction $\text{factor}_{2030}$ | huwa t-tnaqqis speċifikat fil-punt (a) tal-Artikolu 1(5). |

6.2. Il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi ta' referenza mill-2025 'il quddiem

6.2.1. Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2025 sal-2029

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' referenza = EU fleet-wide $\text{target}_{2025} + a_{2025} \cdot (TM - TM_0)$

fejn,

| | |
|---|---|
| EU fleet-wide $\text{target}_{2025}$ | hija kif stabbilita skont il-punt 6.1.1; |
| $a_{2025}$ | hija $\dfrac{a_{2021} \cdot EU\ fleet-wide\ target_{2025}}{Average\ emissions_{2021}}$ |

fejn,

| | |
|---|---|
| $a_{2021}$ | hija l-inklinazzjoni tal-linja dritta li toqgħod l-aħjar, stabbilita bl-applikazzjoni tal-metodu ta' pożizzjonament tal-minimi kwadrati lineari għall-massa tat-test (varjabbli indipendenti) u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ (varjabbli dipendenti) ta' kull karozza ġodda tal-passiġġieri rreġistrata fl-2021; |
| emissjonijiet $\text{medji}_{2021}$ | hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2021 ta' dawk il-manifatturi li għalihom ġiet ikkalkulata mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'konformità mal-punt 4; |
| TM | hija l-massa medja tat-test f'kilogrammi (kg) tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri kollha tal-manifattur irreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti; |
| $TM_0$ | huwa l-valur f'kilogrammi (kg) stabbilit skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1). |

6.2.2. Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2030 'il quddiem

Il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi = EU fleet-wide $\text{target}_{2030} + a_{2030} \cdot (TM - TM_0)$

fejn,

| | |
|---|---|
| EU fleet-wide $\text{target}_{2030}$ | hija kif stabbilita skont il-punt 6.1.2; |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| $a_{2030}$ | hija | $\frac{a_{2021} \cdot EU\ fleet-wide\ target_{2030}}{Average\ emissions_{2021}}$ |

fejn,

| | |
|---|---|
| $a_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| emissjonijiet medji$_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| TM | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| $TM_0$ | huwa kif definit fil-punt 6.2. |

6.3. Miri tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi = il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi · Fattur ZLEV

fejn,

| | |
|---|---|
| Mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi | hija l-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ stabbilita skont il-punt 6.2.1 għall-perjodu 2025-2029 u l-punt 6.2.2 għall-2030 'il quddiem; |
| Fattur ZLEV | huwa (1 + y – x) sakemm dan l-ammont ma jkunx akbar minn 1,05 jew iżgħar minn 1,0, f'liema każ il-fattur ZLEV għandu jkun stabbilit għal 1,05 jew 1,0, skont il-każ; |

fejn,

y huwa s-sehem ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fil-flotta tal-manifattur ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, ikkalkulat bħala n-numru totali ta' vetturi ġodda b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero, fejn kull waħda minnhom tingħadd bħala $ZLEV_{specific}$ skont il-formula segwenti, diviż bin-numru totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti:

$$ZLEV_{specific} = 1 - \left(\frac{specific\ emissions\ tas - CO_2 \cdot 0{,}7}{50}\right)$$

Għal karozzi tal-passiġġieri rreġistrati ġodda fl-Istati Membri b'sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta tagħhom taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fis-sena 2017 ([1]) u b'inqas minn 1 000 vettura ġdida b'emissjonijiet żero jew baxxi rreġistrati fl-2017, iz-$ZLEV_{specific}$ għandu jiġi kkalkulat, sal-2030 u inkluża dik is-sena, skont il-formula li ġejja:

$$ZLEV_{specific} = \left(1 - \left(\frac{specific\ emissions\ tas - CO_2 \cdot 0{,}7}{50}\right)\right) \cdot 1{,}85$$

Meta s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta ta' Stat Membru ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati f'sena bejn l-2025 u l-2030 jaqbeż il-5 %, dak l-Istat Membru ma għandux ikun eliġibbli għall-applikazzjoni tal-multiplikatur ta' 1,85 fis-snin ta' wara;

x huwa 15 % mill-2025 sal-2029 u 35 % mill-2030 'il quddiem.

([1]) Is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta ta' Stat Membru ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri hija kkalkulata bħala l-għadd totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi rreġistrati ġodda fl-2017 diviż bl-għadd totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-istess sena.

▼B

PARTI B.

MIRI TAL-EMISSJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL VETTURI KUMMERĊJALI ĦFIEF

1. Għas-sena kalendarja 2020, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida għandhom, għall-finijiet tal-kalkoli f'dan il-punt u fil-punt 2, jiġu stabbiliti skont il-formula li ġejja:

Emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ = 147 + a · (M – $M_0$)

fejn:

M = Massa tal-vettura fi stat operattiv f'kilogrammi (kg)

$M_0$ = 1 766,4

a = 0,096

2. Il-mira għall-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur fl-2020 għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ stabbilita skont il-punt 1 ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida manifatturata minnu rreġistrata f'dik is-sena kalendarja.

3. Il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur fl-2021 għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$\text{mira ta}' \text{ referenza għall} - \text{emissjonijiet speċifiċi tad} - \text{WLTP} = \text{WLTP}_{CO2} \cdot \left(\frac{\text{NEDC}_{2020target}}{\text{NEDC}_{CO2}}\right)$$

fejn:

$WLTP_{CO2}$ hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ fl-2020 stabbilita skont l-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 mingħajr ma jitqies l-iffrankar ta' $CO_2$ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

$NEDC_{CO2}$ hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ fl-2020, stabbilita skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152, mingħajr ma jitqies l-iffrankar ta' $CO_2$ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

$NEDC_{2020target}$ hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2020 skont il-punti 1 u 2.

▼M3

3a. Għal manifattur li għalih id-$WLTP_{CO2}$ jew l-$NEDC_{CO2}$ huwa żero, il-mira ta’ referenza għall-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun $NEDC_{2020target}$ kif definita fil-punt 3.

3b. Għal manifattur li jkun qed iqiegħed vetturi kummerċjali ħfief fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji 2021 sal-2024, il-mira ta’ referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun il-medja tal-miri ta’ referenza tal-emissjonijiet speċifiċi determinati għall-manifatturi kollha skont il-punt 3, ponderata skont l-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li ġew irreġistrati għal dawk il-manifatturi fl-Unjoni fl-2020.

▼M3

3c. Minkejja l-punt 3b, fejn fi kwalunkwe waħda mis-snin kalendarji mill-2021 sal-2024, manifattur ikun qed iqiegħed vetturi kummerċjali ħfief fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba, iżda dak il-manifattur kien iffurmat b'fużjoni ta' żewġ manifatturi jew aktar li mill-inqas wieħed minnhom kien responsabbli għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza speċifika għall-emissjonijiet fl-2021 għall-manifattur il-ġdid għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) fejn żewġ manifatturi jew aktar li jkunu qed jiġu fużi jkunu responsabbli għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 għandha tkun il-medja tal-miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi determinati għal dawk il-manifatturi skont il-punt 3, ponderata skont l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda li ġew irreġistrati għal dawk il-manifatturi fl-Unjoni fl-2020;

(b) fejn wieħed biss mill-manifatturi li jkunu qed jiġu fużi kien responsabbli għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni fl-2020, il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2021 hi ddeterminata skont il-punt 3 għal dak il-manifattur.

▼B

4. Għas-snin kalendarji 2021-2024, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur għandha tkun ikkalkulata kif ġej:

Mira tal-emissjonijiet speċifiċi = $WLTP_{mira\ ta'\ referenza} + a\,[(M_{ø} - M_0) - (M_{ø2020} - M_{0,2020})]$

fejn:

| | |
|---|---|
| $WLTP_{reference\ target}$ | hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-WLTP għall-2021 ikkalkulata skont il-punt 3; |
| a | hija 0,096; |

▼M1

| | |
|---|---|
| $M_{ø}$ | hija l-massa (M) medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tal-manifattur irreġistrati fis-sena ta' mira rilevanti, f'kilogrammi (kg); |

fejn,

— fil-każ ta' vettura kompluta, M hija l-massa fi stat operattiv ta' dik il-vettura

— fil-każ ta' vettura bażi kompluta relatata ma' vettura kompletata, M hija l-massa fi stat operattiv ta' dik il-vettura bażi

— fil-każ ta' vettura bażi inkompleta relatata ma' vettura kompletata, M hija l-massa ta' monitoraġġ ($M_{mon}$) ta' dik il-vettura bażi, determinata f'konformità mal-formula li ġejja:

▼M1

$$M_{mon} = MRO_{base} \times B_0$$

fejn,

$MRO_{base}$ hija l-massa fi stat operattiv tal-vettura bażi kkonċernata

$B_0$ hija kif definita fil-punt 1.2.4(a) tal-Parti A tal-Anness III;

▼M2

$M_0$ hija 1 766,4 fl-2020, 1 825,23 għas-snin 2021, 2022 u 2023, u għall-2024 il-valur adottat skont il-punt (b) tal-Artikolu 14(1);

▼B

$M_{ø2020}$ hija l-massa (M) medja fi stat operattiv tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal manifattur irreġistrati fl-2020 f'kilogrammi (kg);

$M_{0,2020}$ hija 1 766,4.

5. Għal manifattur li jkun ingħata deroga fir-rigward ta' mira tal-emissjonijiet speċifiċi bbażata fuq l-NEDC fl-2021, il-mira tad-deroga bbażata fuq id-WLTP għandha tiġi kkalkulata hekk:

$$\text{Mira tad} - \text{deroga}_{2021} = WLTP_{CO2} \cdot \left(\frac{NEDC_{2021target}}{NEDC_{CO2}}\right)$$

fejn:

$WLTP_{CO2}$ hija $WLTP_{CO2}$ kif definita fil-punt 3;

$NEDC_{CO2}$ hija $NEDC_{CO2}$ kif definita fil-punt 3;

$NEDC_{2021target}$ hija l-mira ta' deroga għall-2021 mogħtija mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10.

6. Mill-1 ta' Jannar 2025, il-miri għall-flotta kollha tal-UE u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għal manifattur għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

6.0. Mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2021

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2021 (EU fleet-wide $target_{2021}$) hija l-medja, peżata skont l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief irreġistrati ġodda fl-2021, bil-valuri ta' referenza għall-2021 stabbiliti għal kull manifattur individwali li għalihom tapplika mira ta' emissjonijiet speċifiċi skont il-punt 4.

Il-valur ta' $referenza_{2021}$ għandu jiġi stabbilit, għal kull manifattur, kif ġej:

$$\text{reference} - \text{value}_{2021} = WLTP_{CO2,measured} \cdot \left(\frac{NEDC_{2020,Fleet\ Target}}{NEDC_{CO2}}\right) + a(M_{ø2021} - M_{0,2021})$$

fejn,

$WLTP_{CO2,measured}$ hija l-medja, għal kull manifattur, tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ kkombinati mkejla għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-2020, kif stabbilita u rrappurtata skont l-Artikolu 7(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152;

$NEDC_{2020,Fleet\ Target}$ hija 147 g/km;

$NEDC_{CO2}$ hija kif definita fil-punt 3;

$M_{ø2021}$ hija l-massa medja fi stat operattiv tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tal-manifattur irreġistrati fl-2021, f'kilogrammi (kg);

▼B

$M_{0,2021}$ hija l-massa medja fi stat operattiv f'kilogrammi (kg) tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-2021 ta' dawk il-manifatturi li għalihom tapplika mira speċifika ta' emissjonijiet skont il-punt 4;

a hija kif definita fil-punt 4.

6.1. Miri għall-flotta kollha tal-UE għall-2025 u l-2030

6.1.1. Mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2025 sal-2029

$\text{EU fleet-wide target}_{2025} = \text{EU fleet-wide target}_{2021} \cdot (1 - \text{reduction factor}_{2025})$

fejn,

$\text{EU fleet-wide target}_{2021}$ hija kif definita fil-punt 6.0;

$\text{reduction factor}_{2025}$ huwa t-tnaqqis speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 1(4).

6.1.2. Mira għall-flotta kollha tal-UE mill-2030 'il quddiem

$\text{EU fleet-wide target}_{2030} = \text{EU fleet-wide target}_{2021} \cdot (1 - \text{reduction factor}_{2030})$

fejn,

$\text{EU fleet-wide target}_{2021}$ hija kif definita fil-punt 6.0;

$\text{reduction factor}_{2030}$ huwa t-tnaqqis speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 1(5).

6.2. Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem

6.2.1. Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2025 sal-2029

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' referenza = $\text{EU fleet-wide target}_{2025} + \alpha \cdot (TM - TM_0)$

fejn,

$\text{EU fleet-wide target}_{2025}$ hija kif stabbilita skont il-punt 6.1.1;

$\alpha$ hija $a_{2025}$ fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ugwali jew aktar baxxa minn $TM_0$ stabbilita skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1) u $a_{2021}$ fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ogħla minn $TM_0$ stabbilita skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1);

fejn,

$a_{2025}$ hija $\dfrac{a_{2021} \cdot EU\ fleet-wide\ target_{2025}}{Average\ emissions_{2021}}$

$a_{2021}$ hija l-inklinazzjoni tal-linja dritta li toqgħod l-aħjar, stabbilita bl-applikazzjoni tal-metodu ta' pożizzjonament tal-minimi kwadrati lineari għall-massa tat-test (varjabbli indipendenti) u l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ (varjabbli dipendenti) ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-2021;

▼B

| | |
|---|---|
| emissjonijiet medji$_{2021}$ | hija l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-2021 ta' dawk il-manifatturi li għalihom ġiet ikkalkulata mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'konformità mal-punt 4; |
| TM | hija l-massa medja tat-test f'kilogrammi (kg) tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha tal-manifattur irreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti; |
| $TM_0$ | huwa l-valur f'kilogrammi (kg) stabbilit skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1). |

6.2.2. Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2030 'il quddiem

Il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi = EU fleet-wide target$_{2030}$ + α · (TM – $TM_0$)

fejn,

| | |
|---|---|
| EU fleet-wide target$_{2030}$ | hija kif stabbilita skont il-punt 6.1.2; |
| α | hija $a_{2030}$ fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ugwali jew aktar baxxa minn $TM_0$ stabbilita skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1) u $a_{2021}$ fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ogħla minn $TM_0$ stabbilita skont il-punt (d) tal-Artikolu 14(1); |

fejn,

| | |
|---|---|
| $a_{2030}$ | hija $\frac{a_{2021} \cdot EU\ fleet-wide\ target_{2030}}{Average\ emissions_{2021}}$ |
| $a_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| emissjonijiet medji$_{2021}$ | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| TM | hija kif definita fil-punt 6.2; |
| $TM_0$ | huwa kif definit fil-punt 6.2. |

6.3. Miri tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem

6.3.1. Miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-2025 sal-2029

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi = (il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi – ($ø_{targets}$ – EU fleet-wide target$_{2025}$)) · Fattur ZLEV

fejn,

| | |
|---|---|
| il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi | hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifattur stabbilita skont il-punt 6.2.1; |
| $ø_{targets}$ | hija l-medja, abbażi tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur individwali, tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi kollha stabbiliti skont il-punt 6.2.1; |

▼B

| | |
|---|---|
| Fattur ZLEV | huwa (1 + y – x) sakemm dan l-ammont ma jkunx akbar minn 1,05 jew iżgħar minn 1,0, f'liema każ il-fattur ZLEV għandu jkun stabbilit għal 1,05 jew 1,0, skont il-każ; |

fejn,

y huwa s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda tal-manifattur, ikkalkulat bħala n-numru totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi, fejn kull waħda minnhom tingħadd bħala $ZLEV_{specific}$ skont il-formula segwenti, diviż bin-numru totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti:

$$ZLEV_{specific} = 1 - \left(\frac{\text{specific emissions of } CO_2}{50}\right)$$

x huwa 15 %.

6.3.2. Miri tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2030 'il quddiem

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi = (il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi – ($ø_{targets}$ – EU fleet-wide $target_{2030}$)) · Fattur ZLEV

fejn,

| | |
|---|---|
| il-mira ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi | hija l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifattur stabbilita skont il-punt 6.2.2; |
| $ø_{targets}$ | hija l-medja, abbażi tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur individwali, tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi kollha stabbiliti skont il-punt 6.2.2; |
| Fattur ZLEV | huwa (1 + y – x) sakemm dan l-ammont ma jkunx akbar minn 1,05 jew iżgħar minn 1,0, f'liema każ il-fattur ZLEV għandu jkun stabbilit għal 1,05 jew 1,0, skont il-każ; |

fejn,

y huwa s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda tal-manifattur, ikkalkulat bħala n-numru totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi, fejn kull waħda minnhom tingħadd bħala $ZLEV_{specific}$ skont il-formula segwenti, diviż bin-numru totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti:

$$ZLEV_{specific} = 1 - \left(\frac{\text{specific emissions of } CO_2}{50}\right)$$

x huwa 30 %.

▼B

*ANNESS II*

## MONITORAĠĠ U RAPPURTAR TA' EMISSJONIJIET MINN KAROZZI ĠODDA TAL-PASSIĠĠIERI

## PARTI A

**Ġbir ta' data dwar karozzi ġodda tal-passiġġieri u determinazzjoni tal-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CO_2$**

▼M3

__________

1a. L-Istati Membri għandhom, għal kull sena kalendarja, jirreġistraw id-*data* dettaljata li ġejja għal kull karozza ġdida tal-passiġġieri rreġistrata bħala vettura $M_1$ fit-territorju tagħhom, bl-eċċezzjoni tad-*data* indikata fil-punti (22), (23) u (24) li għandha tingħata fuq talba tal-Kummissjoni:

(1) Il-manifattur;

(2) In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet tiegħu;

(3) It-tip, il-varjant u l-verżjoni;

(4) L-għamla u l-isem kummerċjali;

(5) L-identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-vettura;

(6) In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(7) Il-kategorija tat-tip ta' vettura approvata;

(8) Il-kategorija tal-vettura rreġistrata;

(9) Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni;

(10) L-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$;

(11) Il-konsum ta' fjuwil;

(12) Il-massa fi stat operattiv;

(13) Il-massa tat-test;

(14) It-tip ta' fjuwil u l-modalità tal-fjuwil;

(15) Il-konsum ta' enerġija elettrika;

(16) L-awtonomija elettrika;

(17) Kodiċi(jiet) tal-ekoinnovazzjoni;

(18) L-iffrankar ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjoni;

(19) Il-Footprint: it-tul bejn il-fusien, il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn;

(20) Il-kapaċità tal-magna;

(21) Il-potenza netta massima;

(22) Il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq: f0, f1 u f2;

(23) L-erja ta' quddiem;

▼M3

(24) Il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajer.

Skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni d-data kollha elenkata f'dan il-punt, fil-format speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Parti B. Id-data indikata fil-punti (9) u (11) għandha tiġi rreġistrata mis-sena kalendarja 2022 u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-ewwel darba fit-28 ta' Frar 2023.

2. Id-*data* dettaljata msemmija fil-punt 1 għandha tittieħed miċ-ċertifikat tal-konformità tal-karozza tal-passiġġieri rilevanti.

2 a. Fil-każ ta' vetturi li jieħdu żewġ tipi ta' fjuwil, li jaħdmu bil-petrol u bil-gass likwifikat miż-żejt (LPG) jew bil-petrol u bil-gass naturali kkompressat (CNG), li ċ-ċertifikati tal-konformità tagħhom jinkludu emissjonijiet speċifiċi tal-valuri tas-$CO_2$ għaż-żewġ tipi ta' fjuwils, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-valur għal-LPG jew għas-CNG skont il-każ.

Fil-każ ta' vetturi flex fuel li jużaw il-petrol u l-fjuwil tal-etanol (E85), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-emissjonijiet speċifiċi tal-valur tas-$CO_2$ għall-petrol.

▼B

3. Għal kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu:

(a) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri li huma soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri approvati individwalment;

(c) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri soġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip f'serje żgħira.

## PARTI B

### Il-format għat-trażmissjoni tad-data

Għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-punti 1 u 3 tal-Parti A fil-formati li ġejjin:

TAQSIMA 1

DATA AGGREGATA DWAR IL-MONITORAĠĠ

| | |
|---|---|
| Stat Membru [1] | |
| Sena | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri soġġetti għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri approvati individwalment | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri soġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip f'serje żgħira | |

[1] Il-kodiċijiet ISO 3166 alpha-2 ħlief għall-Greċja u għar-Renju Unit, li l-kodiċijiet tagħhom huma "EL" u "UK" rispettivament.

▼M3

▼M3

TAQSIMA 2A

*Data* Dettaljata dwar il-Monitoraġġ – reġistrazzjoni ta' vettura waħda

| Referenza għall-punt 1 u 1a tal-Parti A | Data dettaljata għal kull vettura rreġistrata | Sorsi tad-*data*<br>Ċertifikat ta' konformità (L-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 (*)) sakemm ma jkunx indikat mod ieħor |
|---|---|---|
| (1) | Isem il-manifattur (denominazzjoni standard tal-UE[1]) | L-isem assenjat mill-Kummissjoni |
| | Isem il-manifattur[2] | 0.5, jew fil-każ ta' aktar minn isem wieħed tal-manifattur, l-isem irreġistrat fl-entrata 0.5.1 |
| (2) | In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjoni tiegħu | 0.11 |
| (3) | Tip | 0.2 |
| | Varjant | |
| | Verżjoni | |
| (4) | L-għamla u l-isem kummerċjali | 0.1 u 0.2.1 |
| (5) | L-identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-vettura | 0.2.3.1 |
| (6) | In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura | 0.10 |
| (7) | Il-kategorija tat-tip ta' vettura approvata | 0.4 |
| (8) | Il-kategorija tal-vettura reġistrata | Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni |
| (9) | Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni | Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni |
| (10) | L-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$ (g/km) | 49.4 ikkombinati, jew fejn applikabbli, ikkombinati ponderati |
| (11) | Il-konsum ta' fjuwil (l/100 km jew $m^3$/100 km jew kg/100 km) | 49.4 ikkombinati, jew fejn applikabbli, ikkombinati ponderati |
| (12) | Il-massa fi stat operattiv (kg) | 13 |
| (13) | Il-massa tat-test (kg) | 47.1.1 |
| (14) | It-tip ta' fjuwil | 26 |
| | Il-modalità tal-fjuwil | 26.1 |
| (15) | Il-konsum tal-enerġija elettrika (Wh/km) | PEV: 49.5.1<br>OVC-HEV: 49.5.2 |
| (16) | L-awtonomija elettrika (km) | PEV: 49.5.1<br>OVC-HEV: 49.5.2 |

▼M3

| Referenza għall-punt 1 u 1a tal-Parti A | Data dettaljata għal kull vettura rreġistrata | | Sorsi tad-*data*<br>Ċertifikat ta' konformità (L-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 (*)) sakemm ma jkunx indikat mod ieħor |
|---|---|---|---|
| (17) | Il-kodiċi(jiet) tal-ekoinnovazzjoni | | 49.3.1 |
| (18) | L-iffrankar mill-ekoinnovazzjonijiet (g $CO_2$/km) | | 49.3.2.2 |
| (19)((19) | Bażi tar-roti (mm) | | |
| | Wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir (Fus 1) (mm)(3) | | 30 |
| | Wisa' bejn rota u oħra tal-fus l-ieħor (Fus 2) (mm)(3) | | 30 |
| (20) | Il-kapaċità tal-magna ($cm^3$) | | 25 |
| (21) | Il-potenza netta massima (kW) | | 27.1 u 27.3 |
| (22) | Il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq(4) | f0, N | 47.1.3.0 |
| | | f1, N/(km/h) | 47.1.3.1 |
| | | f2, N/(km/h) | 47.1.3.2 |
| (23) | Erja ta' quddiem ($m^2$)(4) | | 47.1.2 |
| (24) | Il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajer(4) | | 35 |

Noti:

(1) Lista ppubblikata mill-Kummissjoni fuq CIRCABC.

(2) Fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira (NSS) jew approvazzjoni individwali (IVA), l-isem tal-manifattur għandu jiġi pprovdut fil-kolonna "L-isem tal-manifattur" filwaqt li fil-kolonna "Isem il-manifattur – Denominazzjoni standard tal-UE" għandu jiġi indikat wieħed minn dawn li ġejjin: "AA-NSS" jew "AA-IVA" skont il-każ

(3) Fejn vettura tkun mgħammra b'wisgħat differenti bejn rota u oħra tal-fusien, għandha tiġi rrapportata l-wisa' massima tal-fus.

(4) Fuq talba tal-Kummissjoni.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020)

▼B

*ANNESS III*

**MONITORAĠĠ U RAPPURTAR TA' EMISSJONIJIET MINN VETTURI KUMMERĊJALI ĦFIEF ĠODDA**

A. Ġbir ta' data dwar vetturi kummerċjali ħfief ġodda u determinazzjoni tal-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CO_2$

1. Data dettaljata

▼M3

————

1.1 a. Vetturi kompluti rreġistrati bħala $N_1$

L-Istati Membri għandhom, għal kull sena kalendarja, jirreġistraw id-*data* dettaljata li ġejja għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata bħala vettura $N_1$ fit-territorju tagħhom, bl-eċċezzjoni tad-*data* indikata fil-punti (23), (24) u (25) li għandha tingħata fuq talba tal-Kummissjoni:

(1) Il-manifattur;

(2) In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet tiegħu;

(3) It-tip, il-varjant u l-verżjoni;

(4) L-għamla u, fejn disponibbli, l-isem kummerċjali;

(5) L-identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-vettura;

(6) In-numru ta’ identifikazzjoni tal-vettura;

(7) Il-kategorija tat-tip ta’ vettura approvata;

(8) Il-kategorija tal-vettura rreġistrata;

(9) Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni;

(10) L-emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$;

(11) Il-konsum ta’ fjuwil;

(12) Il-massa fi stat operattiv;

(13) Il-massa tat-test;

(14) It-tip ta’ fjuwil u l-modalità tal-fjuwil;

(15) Il-konsum ta’ enerġija elettrika;

(16) L-awtonomija elettrika;

(17) Kodiċi(jiet) tal-ekoinnovazzjoni;

(18) L-iffrankar ta’ emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-ekoinnovazzjoni;

(19) Il-Footprint: it-tul bejn il-fusien, il-wisa’ bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir u tal-fusien l-oħrajn;

(20) Il-kapaċità tal-magna;

(21) Il-potenza netta massima;

(22) Il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli;

(23) Il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq: f0, f1 u f2;

(24) L-erja ta’ quddiem;

▼M3

(25) Il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajer.

L-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 7, iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-data kollha elenkata f'dan il-punt fil-format speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Parti C. Id-*data* indikata fil-punti (9) u (11) għandha tiġi rreġistrata mis-sena kalendarja 2022 u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-ewwel darba fit-28 ta' Frar 2023.

▼M1

1.2. Vetturi kompletati rreġistrati bħala vetturi N1

1.2.1. Rappurtar mill-Istati Membri

Il-format stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Parti C għandu jintuża għar-rappurtar tad-*data* relatata mal-vetturi N1 kompletati.

In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura msemmi fil-punt (o) tal-punt 1.1 ma għandux jiġi ppubblikat.

▼M3

————

1.2.1.2a. Vetturi kompletati tal-kategorija N1 li jkollhom l-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151

Għal kull vettura ġdida kompletata rreġistrata fl-2021 u għas-snin kalendarji sussegwenti, l-Istati Membri għandhom bħala minimu jirrappurtaw id-*data* speċifikata fil-punti (1), (5), (6), (8), (10), (11), (12), (17), (18) u (22) tal-punt 1.1a., u għal kull vettura ġdida rreġistrata fl-2022 u fis-snin kalendarji sussegwenti, id-*data* speċifikata fil-punti (9), (23), (24) u (25) tal-punt 1.1a.

▼M1

1.2.2. 1.2.2.Rappurtar mill-manifatturi

▼M3

Għal kull vettura kompletata ġdida tal-kategorija $N_1$, li jkollha l-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 u rreġistrata fl-2020 u fis-snin kalendarji sussegwenti, il-manifattur tal-vettura bażi relatata għandu, sa mill-2021, jirrapporta lill-Kummissjoni id-*data* li ġejja relatata mal-vettura bażi:

▼M1

(a) fejn il-vettura kompletata tkun ibbażata fuq vettura bażi inkompleta:

(i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(ii) l-identifikatur tal-familja tal-vettura kif imsemmi fil-paragrafu 5.0 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151;

(iii) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' monitoraġġ iddeterminati f'konformità mal-punt 1.2.4;

(iv) l-erja ta' quddiem, u tiġi speċifikata l-għażla applikabbli kif imsemmija fil-punt 1.2.4(c);

▼M1

(v) ir-reżistenza għad-dawrien, kif imsemmi fil-punt 1.2.4 (b);

(vi) il-massa ta' monitoraġġ, iddeterminata f'konformità mal-punt 4.1 tal-Parti B tal-Anness I;

(vii) il-massa fi stat operattiv;

(viii) il-massa rappreżentattiva tat-tagħbija tal-vettura kif definita fil-punt 1.2.4(a).

(b) fejn il-vettura kompletata tkun ibbażata fuq vettura bażi kompluta:

(i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(ii) l-identifikatur tal-familja tal-vettura kif imsemmi fil-punt (a)(ii) ta' dan il-paragrafu;

(iii) l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-vettura bażi;

(iv) il-massa fi stat operattiv.

1.2.3. Kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi

Il-Kummissjoni għandha tuża l-valuri rrappurtati mill-manifattur tal-vettura bażi f'konformità mal-punt 1.2.2 biex tikkalkula l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħha ta' $CO_2$ u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja li fiha tkun irreġistrata l-vettura kompletata relatata, ħlief meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 1.2.5 jiġu ssodisfati, f'liema każ għandha tintuża d-*data* għall-vetturi kompletati.

Meta d-*data* msemmija fil-punt 1.2.2 ma tkunx ġiet irrappurtata mill-manifattur tal-vettura bażi, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ irrappurtati mill-Istati Membri f'konformità mal-punt 1.2.1 fir-rigward tal-vettura kompletata relatata għandhom jintużaw biex jiġu kkalkolati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-mira għall-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur ikkonċernat.

1.2.4. Kalkolu tal-emissjonijiet ta' monitoraġġ ta' $CO_2$ fil-każ ta' vetturi bażi inkompleti

Sa mill-bidu tas-sena kalendarja 2020, il-manifattur għandu jikkalkula l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' monitoraġġ għal kull waħda mill-vetturi bażi inkompleti individwali tiegħu, f'konformità mal-metodu ta' interpolazzjoni msemmi fil-punti 3.2.3.2 jew 3.2.4 tas-Sub-Anness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151, billi juża l-istess metodu bħal dak applikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vettura bażi fir-rigward tal-emissjonijiet tagħha, fejn it-termini għandhom ikunu kif definiti f'dawk il-punti bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) Massa tal-vettura individwali

It-terminu "$TM_{ind}$" imsemmi fil-punti 3.2.3.2.2.1. jew 3.2.4.1.1.1 tas-Sub-Anness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 għandu jiġi sostitwit bil-massa prestabbilita tal-vettura bażi, $DM_{base}$. Meta d-$DM_{base}$ tkun aktar baxxa mill-massa tat-test tal-vehicle low, it-$TM_L$ tal-familja ta' interpolazzjoni, it-terminu $TM_{ind}$ għandu jiġi sostitwit b'$TM_L$. Meta d-$DM_{base}$ tkun ogħla mill-massa tat-test tal-vehicle high, it-$TM_H$ tal-familja ta' interpolazzjoni, it-terminu $TM_{ind}$ għandu jiġi sostitwit b'$TM_H$.

▼**M1**

Id-$DM_{base}$ għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-formula li ġejja:

$$DM_{base} = MRO_{base} \times B_0 + 25\ kg + M_{VL}$$

fejn,

$MRO_{base}$ hija l-massa fi stat operattiv tal-vettura bażi kif definita fil-punt 3.2.5 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151;

$B_0$ hija l-valur tal-massa tal-karozzerija ta' 1,375;

$M_{VL}$ hija l-massa rappreżentattiva tat-tagħbija tal-vettura, li tfisser 28 fil-mija tat-tagħbija massima tal-vettura fejn it-tagħbija massima tal-vettura hija definita bħala l-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli mnaqqsa bil-massa fi stat operattiv tal-vettura bażi mmultiplikata b'$B_0$, u mnaqqsa b'25 kg.

Il-valur ta' $B_0$ għandu jiġi aġġustat sal-31 ta' Ottubru 2021 fuq il-bażi tal-massa fi stat operattiv tal-vetturi bażi inkompleti għall-vetturi kompletati kollha rreġistrati fis-snin kalendarji 2018, 2019 u 2020, ikkalkulat f'konformità mal-formuli ta' hawn taħt. Il-valur il-ġdid ta' $M_0$ għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Il-Formula 1:

$$B_0 = \frac{\sum_{i=2018}^{2020} A_i n_i}{\sum_{i=2018}^{2020} n_i}$$

fejn,

$A_i$ hija l-valur $A_y$ kif ikkalkulat fil-Formula 2 għas-sena kalendarja rilevanti

$n_i$ hija l-għadd ta' vetturi bażi inkompleti relatati mal-vetturi kompletati rreġistrati fis-sena kalendarja

Il-Formula numru 2:

$$A_y = \frac{\sum_{i=1}^{n} M_{fi}}{\sum_{i=1}^{n} M_{bi}}$$

fejn,

$A_y$ hija l-medja tal-proporzjon bejn $M_{fi}$ u $M_{bi}$ għal kull waħda mis-snin kalendarji 2018 sal-2020;

$M_{fi}$ hija l-massa tal-vettura ta' bażi mhux kompluta lesta biex taħdem biż-żieda tal-massa speċifika miżjuda, kif definita fit-Taqsima 5 tal-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008;

$M_{bi}$ hija l-massa fi stat operattiv tal-vettura bażi inkompleta;

n hija l-għadd ta' vetturi bażi inkompleti relatati mal-vetturi kompletati rreġistrati fis-sena kalendarja.

▼M1

(b) Ir-reżistenza għad-dawrien tal-vettura individwali

Ir-reżistenza għad-dawrien tal-vettura bażi għandha tintuża għall-finijiet tal-punt 3.2.3.2.2.2 jew 3.2.4.1.1.2 tas-Sub-Anness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151.

(c) Erja ta' quddiem

Fil-każ ta' vettura bażi inkompleta li tappartjeni għal familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq, il-manifattur għandu jiddetermina t-terminu "Af" imsemmi fil-punt 3.2.3.2.2.3 tas-Sub-Anness 7 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151 f'konformità ma' waħda mill-għażliet li ġejjin:

(i) l-erja ta' quddiem tal-vettura rappreżentattiva tal-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq, f'$m^2$;

(ii) il-medja tal-erja ta' quddiem tal-vehicle high u tal-vehicle low tal-familja ta' interpolazzjoni, f'$m^2$;

(iii) l-erja ta' quddiem tal-vehicle high tal-familja ta' interpolazzjoni, f'każ li ma jintużax il-metodu ta' interpolazzjoni, f'$m^2$.

Fil-każ ta' vettura bażi inkompleta li ma tappartjenix għal familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq, għandu jintuża l-valur tal-erja ta' quddiem tal-vehicle high tal-familja ta' interpolazzjoni.

1.2.5. Rappreżentattività tal-valur tas-$CO_2$ ta' monitoraġġ

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rappreżentanza tal-medja tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' monitoraġġ irrapportati mill-manifattur tal-vettura bażi kif imqabbla mal-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-vetturi kompletati relatati rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-manifattur tal-vettura bażi bid-diverġenza li nstabet bejn dawk il-valuri.

F'każ li tinstab diverġenza ta' 4 % jew aktar matul kull waħda minn sentejn kalendarji konsekuttivi, il-Kummissjoni għandha tuża l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ tal-vetturi kompletati fis-sena kalendarja sussegwenti biex tikkalkula l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ tal-manifattur tal-vettura bażi jew tal-konsorzju f'dik is-sena.

▼M3

2. Id-*data* dettaljata msemmija fil-punt 1 għandha tittieħed miċ-ċertifikat tal-konformità tal-vettura kummerċjali ħafifa rilevanti. Għal dawk id-dettalji li mhumiex disponibbli fiċ-ċertifikat ta' konformità, għandhom jittieħdu d-dettalji mid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip jew mill-informazzjoni rrapportata mill-manifattur tal-vettura bażi skont il-punt 1.2.3.

2a. Fil-każ ta' vetturi li jieħdu żewġ tipi ta' fjuwil, li jaħdmu bil-petrol u bil-gass likwifikat miż-żejt (LPG) jew bil-petrol u bil-gass naturali kkompressat (CNG), li ċ-ċertifikati tal-konformità tagħhom jinkludu emissjonijiet speċifiċi ta' valuri ta' $CO_2$ għaż-żewġ tipi ta' fjuwils, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-valur għal-LPG jew għas-CNG skont il-każ.

Fil-każ ta' vetturi flex fuel li jużaw il-petrol u l-fjuwil tal-etanol (E85), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-emissjonijiet speċifiċi tal-valur tas-$CO_2$ għall-petrol.

▼B

3. Għal kull sena kalendarja, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu:

▼B

(a) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għal approvazzjoni tat-tip b'diversi stadji, jekk disponibbli;

(c) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għal approvazzjoni individwali;

(d) l-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip f'serje żgħira.

B. Il-metodoloġija biex tiġi stabbilita l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda

It-tagħrif dwar il-monitoraġġ li l-Istati Membri jeħtieġ li jiddeterminaw skont il-punti 1 u 3 tal-Parti A għandu jiġi stabbilit skont il-metodu mogħti f'din il-Parti.

1. L-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tagħhom fis-sena ta' monitoraġġ rispettiva, u għandha ssir distinzjoni bejn il-vetturi soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE, vetturi soġġetti għall-approvazzjoni individwali u vetturi soġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip f'serje żgħira u, fejn disponibbli, dawk il-vetturi soġġetti għall-approvazzjoni tat-tip li ssir f'diversi stadji.

2. Vetturi kompletati

Fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, l-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ ta' vetturi kompletati għandhom jiġu allokati lill-manifattur tal-vettura bażi.

Sabiex ikun żgurat li ċ-ċifri tal-emissjonijiet ta' $CO_2$, tal-effiċjenza tal-fjuwil u tal-massa tal-vetturi kompletati jkunu rappreżentattivi, bla ma jitqiegħed piż eċċessiv fuq il-manifattur tal-vettura bażi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proċedura ta' monitoraġġ speċifika u għandha, fejn xieraq, tagħmel l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip.

Minkejja li għall-finijiet tal-kalkolu tal-mira tal-2020 skont il-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I, għall-Parti C ta' dan l-Anness għandha tintuża l-massa miżjuda prestabbilita, meta l-valur ta' dik il-massa ma jkunx jista' jiġi stabbilit, il-massa fi stat operattiv tal-vettura kompluta tista' tintuża għall-kalkolu provviżorju tal-mira ta' emissjonijiet speċifika msemmija fl-Artikolu 7(4).

Fejn il-vettura bażi tkun vettura kompluta, il-massa fi stat operattiv ta' dik il-vettura għandha tintuża għall-kalkolu tal-mira ta' emissjonijiet speċifika. Madankollu, meta l-valur ta' dik il-massa ma jkunx jista' jiġi stabbilit, il-massa fi stat operattiv tal-vettura kompletata tista' tintuża għall-kalkolu provviżorju tal-mira ta' emissjonijiet speċifika.

C. Il-formati għat-trażmissjoni tad-data

Għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-punti 1 u 3 tal-Parti A fil-format li ġej:

▼B

Taqsima 1

Data aggregata dwar il-monitoraġġ

| | |
|---|---|
| Stat Membru ([1]) | |
| Sena | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-KE | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda approvati individwalment | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip f'serje żgħira | |
| Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda soġġetti għal approvazzjoni tat-tip b'diversi stadji (meta disponibbli) | |

([1]) Il-kodiċijiet ISO 3166 alpha-2 ħlief għall-Greċja u għar-Renju Unit, li l-kodiċijiet tagħhom huma "EL" u "UK" rispettivament.

▼M3

___

Taqsima 2a.

*Data* Dettaljata dwar il-Monitoraġġ – reġistrazzjoni ta' vettura waħda

| Referenza għall-punt 1.1 u 1.1a tal-Parti A | Data dettaljata għal kull vettura rreġistrata | Sorsi tad-data<br>Ċertifikat ta' konformità (l-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683), sakemm ma jkunx indikat mod ieħor |
|---|---|---|
| (1) | Isem il-manifattur (denominazzjoni standard tal-UE[(1)]) | L-isem assenjat mill-Kummissjoni |
| | Isem il-manifattur[(2)] | 0.5, jew fil-każ ta' aktar minn isem wieħed tal-manifattur, l-isem irreġistrat fl-entrata 0.5.1 |
| (2) | In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet tiegħu | 0.11 |
| (3) | Tip | 0.2 |
| | Varjant | |
| | Verżjoni | |
| (4) | L-għamla u l-isem kummerċjali | 0.1 u 0.2.1 |
| (5) | L-identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-vettura | 0.2.3.1 |
| (6) | In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura | 0.10 |

▼M3

| Referenza għall-punt 1.1 u 1.1a tal-Parti A | Data dettaljata għal kull vettura rreġistrata | Sorsi tad-data Ċertifikat ta' konformità (l-Anness VIII tar-Regolament ta' Impliment-azzjoni (UE) 2020/683), sakemm ma jkunx indikat mod ieħor |
|---|---|---|
| (7) | Il-kategorija tat-tip ta' vettura approvata | 0.4 |
| (8) | Il-kategorija tal-vettura reġistrata | Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni |
| (9) | Id-data tal-ewwel reġistrazzjoni | Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni |
| (10) | L-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$ (g/km) | 49.4 ikkombinati, jew fejn applikabbli, ikkombinati ponderati |
| (11) | Il-konsum ta' fjuwil (l/100 km jew $m^3$/100 km jew kg/100 km) | 49.4 ikkombinati, jew fejn applikabbli, ikkombinati ponderati |
| (12) | Il-massa fi stat operattiv (vetturi kompluti u kkom-pletati) (kg) | 13 |
| (13) | Il-massa tat-test (vetturi kompluti u kkompletati) (kg) | 47.1.1 |
| (14) | It-tip ta' fjuwil | 26 |
| | Il-modalità tal-fjuwil | 26.1 |
| (15) | Il-konsum tal-enerġija elettrika (Wh/km) | PEV: 49.5.1<br>OVC-HEV: 49.5.2 |
| (16) | L-awtonomija elettrika (km) | PEV: 49.5.1<br>OVC-HEV: 49.5.2 |
| (17) | Il-kodiċi(jiet) tal-ekoinnovazzjoni | 49.3.1 |
| (18) | L-iffrankar mill-ekoinno-vazzjonijiet (g $CO_2$/km) | 49.3.2.2 |
| 19 (19) | Bażi tar-roti (mm) | 4 |
| | Wisa' bejn ir-roti tal-fus tal-istering (Fus 1)[(3)] | 30 |
| | Wisa' bejn ir-roti tal-fus l-ieħor (Fus 2)[(3)] | 30 |
| (20) | Il-kapaċità tal-magna ($cm^3$) | 25 |
| (21) | Il-potenza netta massima (kW) | 27.1 u 27.3 |
| (22) | Massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli (vettura kompluta u kompletata) (kg) | 16.1 |

▼**M3**

| Referenza għall-punt 1.1 u 1.1a tal-Parti A | Data dettaljata għal kull vettura rreġistrata | | Sorsi tad-data<br>Ċertifikat ta' konformità (l-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683), sakemm ma jkunx indikat mod ieħor |
|---|---|---|---|
| (23) | Il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq[4] | f0, N | 47.1.3.0 |
| | | f1, N/(km/h) | 47.1.3.1 |
| | | f2, N/(km/h) | 47.1.3.2 |
| (24) | Erja ta' quddiem ($m^2$)[4] | | 47.1.2 |
| (25) | Il-klassi tar-reżistenza għad-dawrien tat-tajer[4] | | 35 |

Noti:

(1) Lista ppubblikata mill-Kummissjoni fuq CIRCABC.

(2) Fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żgħira (NSS) jew approvazzjoni individwali (IVA), l-isem tal-manifattur għandu jiġi pprovdut fil-kolonna "L-isem tal-manifattur" filwaqt li fil-kolonna "Isem il-manifattur – Denominazzjoni standard tal-UE" għandu jiġi indikat wieħed minn dawn li ġejjin: "AA-NSS" jew "AA-IVA" skont il-każ.

(3) Fejn vettura tkun mgħammra b'wisgħat differenti bejn rota u oħra tal-fusien, għandha tiġi rrapportata l-wisa' massima tal-fus.

(4) Fuq talba tal-Kummissjoni.

▼B

*ANNESS IV*

**REGOLAMENTI MHASSRA FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHOM**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1) |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 397/2013 | (ĠU L 120, 1.5.2013, p. 4) |
| Ir-Regolament (UE) Nru 333/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 15) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/6 | (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 1) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1502 | (ĠU L 221, 26.8.2017, p. 4) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/649 | (ĠU L 108, 27.4.2018, p. 14) |
| Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2012 | (ĠU L 72, 10.3.2012, p. 2) |
| Ir-Regolament (UE) Nru 253/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 38) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2014 | (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 1) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/748 | (ĠU L 113, 29.4.2017, p. 9) |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1499 | (ĠU L 219, 25.8.2017, p. 1) |

▼B

*ANNESS V*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 | Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| Artikolu 1, l-ewwel paragrafu | Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1, it-tieni paragrafu | Artikolu 1(2) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 1, it-tielet paragrafu | — | Artikolu 1(3) |
| — | — | Artikolu 1(4) |
| — | — | Artikolu 1(5) |
| — | — | Artikolu 1(6) |
| — | — | Artikolu 1(7) |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 2(1) | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 2(2) | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 2(3) | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 2(4) | Artikolu 2(4) | Artikolu 2(4) |
| Artikolu 3(1), il-kliem introduttorju | Artikolu 3(1), il-kliem introduttorju | Artikolu 3(1), il-kliem introduttorju |
| Artikolu 3(1), il-punti (a) u (b) | Artikolu 3(1), il-punti (a) u (b) | Artikolu 3(1), il-punti (a) u (b) |
| — | Artikolu 3(1), il-punti (c), (d) u (e) | Artikolu 3(1), il-punti (c), (d) u (e) |
| Artikolu 3(1), il-punti (c) u (d) | Artikolu 3(1), il-punti (f) u (g) | Artikolu 3(1), il-punti (f) u (g) |
| Artikolu 3(1), il-punt (f) | Artikolu 3(1), il-punt (h) | Artikolu 3(1), il-punt (h) |
| Artikolu 3(1), il-punt (e) | Artikolu 3(1), il-punt (j) | Artikolu 3(1), il-punt (i) |
| Artikolu 3(1), il-punt (g) | Artikolu 3(1), il-punt (i) | Artikolu 3(1), il-punt (j) |
| — | — | Artikolu 3(1), il-punti (k), (l) u (m) |
| | Artikolu 3(1), il-punt (k) | Artikolu 3(1), il-punt (n) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 4, l-ewwel paragrafu | Artikolu 4, l-ewwel paragrafu | Artikolu 4(1), il-kliem introduttorju u l-punti (a) u (b) |
| — | — | Artikolu 4(1), il-punt (c) |
| — | Artikolu 4, it-tieni paragrafu | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4, it-tieni paragrafu | Artikolu 4, it-tielet paragrafu | Artikolu 4(3) |

▼B

| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 | Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| Artikolu 5 | Artikolu 5 | — |
| Artikolu 5a | — | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 | — |
| Artikolu 7(1) | Artikolu 7(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 7(2), il-punti (a), (b) u (c) | Artikolu 7(2), il-punti (a), (b) u (c) | Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c) |
| — | — | Artikolu 6(2), il-punt (d) |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 7(3) | Artikolu 6(3) |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 7(4) | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 7(5) | Artikolu 7(5) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 7(6) | Artikolu 7(6) | Artikolu 6(6) |
| Artikolu 7(7) | Artikolu 7(7) | Artikolu 6(7) |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 8(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 8(2) | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 8(3) | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 8(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | Artikolu 8(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | Artikolu 7(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafi |
| Artikolu 8(4), it-tielet subparagrafu | Artikolu 8(4), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 7(4), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 8(5), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 8(5) | Artikolu 7(5), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 8(5), it-tieni subparagrafu | Artikolu 8(6) | Artikolu 7(5), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8(6) | Artikolu 8(7) | — |
| Artikolu 8(7) | Artikolu 8(8) | Artikolu 7(6), l-ewwel subparagrafu |
| — | — | Artikolu 7(6), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8(8) | — | — |
| Artikolu 8(9), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 8(9), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 7(7) |
| Artikolu 8(9), it-tieni subparagrafu | Artikolu 8(9), it-tieni subparagrafu | Artikolu 7(8) |
| — | — | Artikolu 7(9) |
| — | — | Artikolu 7(10) |
| — | Artikolu 8(10) | Artikolu 7(11) |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 9(1) | Artikolu 8(1) |

▼B

| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 | Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju | Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel parti |
| Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) | — |
| Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni parti |
| Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 9(3) | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 9(4) | Artikolu 9(4) | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 10(1), il-kliem introduttorju | Artikolu 10(1), il-kliem introduttorju | Artikolu 9(1), il-kliem introduttorju |
| Artikolu 10(1), il-punti (a) sa (e) | Artikolu 10(1), il-punti (a) sa (e) | Artikolu 9(1), il-punti (a) sa (e) |
| — | — | Artikolu 9(1), il-punt (f) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 10(2) | Artikolu 9(2) |
| — | — | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 11(1) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 11(2) | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 11(3) | Artikolu 11(3) | Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu |
| — | — | Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 11(4), l-ewwel subparagrafu | — | Artikolu 10(4), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 11(4), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju | — | Artikolu 10(4), it-tieni subparagrafu, il-kliem introduttorju |
| Artikolu 11(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) | — | Artikolu 10(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) |
| Artikolu 11(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) | — | — |
| Artikolu 11(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (c) | — | Artikolu 10(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) |
| — | — | Artikolu 10(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (c) |
| Artikolu 11(4), it-tielet u r-raba' subparagrafi | — | Artikolu 10(4), it-tielet u r-raba' subparagrafi |

▼B

| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 | Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| Artikolu 11(5) | Artikolu 11(4) | Artikolu 10(5) |
| Artikolu 11(6) | Artikolu 11(5) | Artikolu 10(6) |
| Artikolu 11(7) | Artikolu 11(6) | Artikolu 10(7) |
| Artikolu 11(8) | Artikolu 11(7) | Artikolu 10(8) |
| Artikolu 11(9) | Artikolu 11(8) | Artikolu 10(9) |
| Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu | — | Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 11(1), it-tielet subparagrafu |
| — | — | Artikolu 11(1), ir-raba' subparagrafu |
| Artikolu 12(2) | Artikolu 12(2) | Artikolu 11(2), il-kliem introduttorju, il-punti (a), (b) u (c) u l-punt (d), l-ewwel parti |
| — | — | Artikolu 11(2), il-punt (d), l-aħħar parti |
| Artikolu 12(3) | Artikolu 12(3) | Artikolu 11(3) |
| Artikolu 12(4) | Artikolu 12(4) | Artikolu 11(4) |
| — | — | Artikolu 12 |
| — | — | Artikolu 13 |
| Artikolu 13(1) | — | — |
| — | Artikolu 13(1) | — |
| — | — | Artikolu 14, titolu |
| — | — | Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju |
| Artikolu 13(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | — | Artikolu 14(1), il-punt (a) |
| — | Artikolu 13(5) | Artikolu 14(1), il-punt (b) |
| | | Artikolu 14(1), il-punti (c) u (d) |
| Artikolu 13(2), it-tielet subparagrafu | Artikolu 13(5) | Artikolu 14(2) |
| — | — | Artikolu 15(1) |
| — | — | Artikolu 15(2) |
| — | — | Artikolu 15(3) |

▼B

| Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 | Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|
| — | Artikolu 13(2) | — |
| — | — | Artikolu 15(4), l-ewwel parti |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 13(6), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 15(4), it-tieni parti |
| — | Artikolu 13(4) | — |
| Artikolu 13(4) | Artikolu 13(6), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 13(5) | — | — |
| Artikolu 13(6) | Artikolu 13(3) | — |
| — | — | Artikolu 15(5) |
| — | — | Artikolu 15(6) |
| Artikolu 13(7), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 13(6), it-tielet subparagrafu | Artikolu 15(7) |
| Artikolu 13(7), it-tieni subparagrafu | Artikolu 13(6), ir-raba' subparagrafu | Artikolu 15(8) |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 14(1) | Artikolu 16(1) |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 14(2) | Artikolu 16(2) |
| Artikolu 14(3) | Artikolu 14(2a) | Artikolu 16(3) |
| Artikolu 14a(1) | Artikolu 15(3) | Artikolu 17(1) |
| Artikolu 14a(2) | Artikolu 15(1) | Artikolu 17(2) |
| Artikolu 14a(3) | Artikolu 16 | Artikolu 17(3) |
| Artikolu 14a(4) | Artikolu 15(2) | Artikolu 17(4) |
| Artikolu 14a(5) | Artikolu 17 | Artikolu 17(5) |
| Artikolu 15 | — | — |
| — | — | Artikolu 18 |
| Artikolu 16 | Artikolu 18 | Artikolu 19 |
| Anness I | — | Anness I, il-parti A, il-punti 1 sa 5 |
| — | — | Anness I, il-parti A, il-punt 6 |
| — | Anness I | Anness I, il-parti B, il-punti 1 sa 5 |
| — | — | Anness I, il-parti B, il-punt 6 |
| Anness II, il-parti A | — | Anness II, il-parti A |
| Anness II, il-parti B | — | — |
| Anness II, il-parti C | — | Anness II, il-parti B |
| — | Anness II | Anness III |
| — | — | Anness IV |
| — | — | Anness V |